# Rapport Politiku dwar il-Ħidma fl-Indafa Pubblika u l-Anzjanità Attiva fil-Belt Valletta

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport jirrifletti b'mod ċar u trasparenti l-ħidma kontinwa li wettaqt fil-portafolli tal-Indafa Pubblika u tal-Anzjanità Attiva fil-Belt Valletta. Matul dan il-perjodu, ħdimt b'determinazzjoni sabiex inwassal bidla konkreta u viżibbli, bil-għan ewlieni li nsaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tar-residenti, intejjeb l-immaġni tal-belt u nsaħħaħ il-kohesjoni soċjali.

## 1. Indafa Pubblika – Viżjoni, Tmexxija u Riżultati

L-indafa pubblika kienet prijorità assoluta. Permezz ta' tmexxija attiva u koordinazzjoni effettiva, ittieħdu miżuri konkreti li wasslu għal titjib tanġibbli fl-ambjent urban.

Azzjonijiet Ewlenin:

- Mexxejt u kkoordinajt kampanji ta' tindif fuq skala wiesgħa madwar il-Belt Valletta, b'kollaborazzjoni diretta mal-Kunsill Lokali, entitajiet Privati, skejjel u voluntiera.
- Assigurajt monitoraġġ kontinwu u intervent immedjat f'każijiet ta' skart illegali u nuqqasijiet fil-ġbir taż-żibel, sabiex jinżamm livell għoli ta' indafa f'kull żona tal-belt.
- Imbuttajt b'saħħa edukazzjoni pubblika dwar ir-riċiklaġġ u r-responsabbiltà ċivika, billi użajt u komunikazzjoni diretta fuq il-mezzi soċjali.
- Introduċejt u saħħaħ programm regolari ta' Clean-Up Days u ħasil sistematiku tat-toroq, b'enfasi partikolari fix-xhur tas-sajf, li qatt ma naqas u li ġie implimentat b'koordinazzjoni mill-qrib mal-kuntrattur u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Riżultati Konkreti:

- Titjib viżibbli fl-indafa ġenerali tal-belt, apprezzat kemm mir-residenti kif ukoll mill-viżitaturi.
- Tnaqqis sostanzjali f'każijiet ta' littering u skart illegali f'żoni sensittivi u ċentrali.
- Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini f'inizjattivi ambjentali, bħala riżultat ta' tmexxija ċara u preżenza kontinwa fil-komunità.

## 2. Anzjanità Attiva – Inklużjoni, Parteċipazzjoni u Ġid Soċjali

Il-portafoll tal-Anzjanità Attiva ġie indirizzat b'approċċ proattiv u sensittiv, bil-għan li l-anzjani ma jkunux biss benefiċjarji tas-servizzi, iżda protagonisti fil-ħajja komunitarja.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

B'kollaborazzjoni ma' Anzjanità Attiva, ħloqt u implimentajt programm diversifikat ta' attivitajiet għall-anzjani, inklużi sessjonijiet ta' eżerċizzju ħafif, inizjattivi dwar is-saħħa mentali u attivitajiet soċjali regolari bħall-Coffee Mornings.

Żammejt kuntatt dirett u kostanti mal-anzjani sabiex inkun nista' nifhem mill-qrib ir-realtajiet tagħhom u nindirizza l-isfidi li jaffaċċjaw b'mod immedjat u effettiv.

Saħħaħt il-kollaborazzjoni mas-servizzi soċjali u NGOs, sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jibqa' lura u li l-anzjani jirċievu l-appoġġ meħtieġ fil-ħin opportun.

**Riżultati Konkret:**

Żieda sinifikanti fil-parteċipazzjoni tal-anzjani f'attivitajiet komunitarji.

Tisħiħ tas-sens ta' inklużjoni, dinjità u stima personali fost l-anzjani.

Promozzjoni effettiva ta' stil ta' ħajja attiv u b'saħħtu fil-komunità anzjana tal-belt.

**Konklużjoni Politika**

Il-ħidma mwettqa f'dawn il-portafolli turi b'mod ċar x'jista' jinkiseb meta jkun hemm tmexxija determinata, viżjoni ċara u impenn kontinwu lejn in-nies. Il-Belt Valletta qed tgawdi minn ambjent aktar nadif, komunità aktar involuta u anzjani aktar attivi u rispettati.

Nixtieq nesprimi r-ringrazzjament tiegħi lil kull min ħadem miegħi tul dan il-perjodu.

Issa nħares 'il quddiem biex inkompli naħdem b'enerġija akbar fil-portafoll tas-Soċjal, sabiex inkomplu nibnu Belt Valletta aktar ġusta, inklussiva u b'saħħitha.

Ringrazzjament speċjali wkoll lis-Segretarja Eżekuttiva, li bil-professjonalità u d-dedikazzjoni tagħha kienet strumentali biex dawn ir-riżultati jitwettqu b'suċċess.

Ray Azzopardi

Kunsillier b'responsabbiltà għall-Indafa Pubblika,

l-Anzjanità Attiva u s-Soċjal fil-Komunità